KUMMISSJONI
ĠUSTIZZJA U PAĊI

# Iċ-Ċurkett, is-Sandli u l-Libsa

Riżorsa għaż-żgħażagħ: Etajiet 12-16
#Randan2023



# Introduzzjoni

Fil-parabbola tal-iben il-ħali (Lq 15: 11-32), meta l-iben iż-żgħir jerġa' lura d-dar, il-Missier jagħtih rigali bħala merħba : Ċurkett, Sandli, u l-isbaħ Libsa. F'din il-gwida, it-tifsira ta' dawn it-tliet oġġetti fil-ħajja Nisranija tagħna nistgħu nesperjenzawha permezz ta' sensiela ta' attivitajiet, logħob u mumenti ta' talb. Wara li jibdew jintebħu bir-rigali li jkunu rċevew, il-parteċipanti żgħażagħ jiġu wkoll mistiedna jagħmlu differenza pożittiva fil-ħajja tal-oħrajn billi jikkommettu ruħhom li jgħixu t-twemmin tagħhom fis-soċjetà.

Għalkemm l-attivitajiet proposti huma intenzjonati għal nofstanhar irtir jew bħala sensiela ta' tliet laqgħat fir-Randan, il-mexxejja jistgħu jaddattaw dan il-materjal skont il-ħtieġa tal-grupp tagħhom.



# 01. Iċ-ċurkett



**Icebreaker: Shootout**

*Ħin: 15-il minuta*

Logħba tajba sabiex kulħadd jgħid x'jismu u tintroduċi t-tema taċ-ċurkett.

Kulħadd jifforma ċirku u xi ħadd joqgħod fin-nofs taċ-ċirku. Meta kulħadd jiskot, il-persuna tan-nofs tgħajjat isem xi ħadd. Il-persuna li tkun imsejħa toqgħod kokka mill-aktar fis possibbli. Iż-żewġ persuni li jkunu biswit il-persuna li ġiet imsejħa jridu jħarsu lejn xulxin u jgħajtu l-ismijiet ta' xulxin. Min jgħajjat l-isem tal-persuna l-oħra l-aħħar jinqala' 'l barra mil-logħba.

Ibqa' rrepeti sakemm jibqa' biss 2 kompetituri. It-2 li jsalvaw joqogħdu dahar ma' dahar f'nofs il-kamra u jingħatalhom sinjal biex jibdew jimxu 'l bogħod minn xulxin. Malli jisimgħu ċurkett jaqa' fl-art, huma jduru u jippuntaw lejn xulxin.

## Spjegazzjoni Biblika

*Ħin: 5 minuti*

Aqra Lq 15: 11-32 : il-parabbola tal-iben il-ħali, jew aħjar tal-Missier ħanin.

Fisser kif meta l-iben iż-żgħir mar lura d-dar, huwa esperjenza l-imħabba kbira ta' Missieru. Missieru tah ċurkett, l-isbaħ libsa, u sandli ġdid. Dan il-materjal ser jiffoka fuq xi tfisser li tirċievi ċurkett, libsa u sandli.

L-ewwel parti se tfiehem aħjar it-tifsira taċ-ċurkett. Fi żminijiet imgħoddija, ħafna drabi ċ-ċrieket kien ikollhom siġilli li jirrappreżentaw persuna fl-awtorità. Il-mexxej jew is-sid ta' proprjetà kien spiss jagħti ċ-ċurkett tiegħu lil wieħed minn uliedu jew xi uffiċjal ta' fiduċja tiegħu, sabiex ikunu jistgħu jitkellmu (jew jiktbu) f'ismu u għalhekk bl-awtorità kollha tiegħu.

Fi kliem ieħor, iċ-ċurkett kien ifisser awtorità, poter, u responsabbiltà li jridu jintużaw b'għaqal kbir.

Qabel ma tkompli bil-laqgħa, qiegħed iċ-ċurkett fin-nofs tal-kamra sabiex jarah kulħadd.

## Video clip: Mal-poter tiġi wkoll ir-responsabbiltà

*Ħin: 10 minuti*

Ara silta minn Spiderman (2002): "With great power comes great responsibility":

Saqsi lill-parteċipanti jaħsbu f'eżempji fil-ħajja vera jew fittizja meta ċurkett huwa assoċjat ma' awtorità, poter u responsabbiltà. L-eżempji ovvji huma ż-żwieġ (fil-ħajja reali) u Lord of the Rings (fittizju).

## **Attività: Prim Ministru għal ġurnata**

*Ħin: 10 minuti*

Introduċi din l-attività billi tagħmel dawn il-mistoqsijiet: Li kieku ngħatajt l-opportunità u r-responsabbiltà li tkun prim ministru għal ġurnata, kif kont tuża l-poter u l-awtorità tiegħek sabiex tintroduċi bidla pożittiva f'Malta? Aħseb dwar deċiżjonijiet li jkollhom impatt pożittiv fuq in-nies, fuq l-ambjent, eċċ.

Aqra Gal 4: 7 sabiex tgħin lil dawk li qed jieħdu sehem jifhmu l-awtorità u r-responsabbiltà li għandhom bħala wlied Alla. Din l-awtorità u responsabbiltà jistgħu jintużaw sabiex nagħmlu d-dinja li ngħixu fiha post aħjar.

Call to Action

## Nieħdu azzjoni: Nagħmlu differenza

*Ħin: 25 minuta*

Itlob liż-żgħażagħ jaħdmu fi gruppi żgħar. Agħti lil kull grupp karta kbira u titlu differenti. (Mhux problema li xi gruppi jkollhom l-istess titlu f'każ li hemm aktar minn 4 gruppi.) It-titli huma:

-Fid-dar.
-Fl-iskola.
-Fil-knisja/grupp taż-żgħażagħ.
-Fil-lokal tiegħi.

Staqsi lil kull grupp sabiex jiktbu l-modi differenti li jiġu f'moħħhom ta' kif jistgħu jagħmlu differenza għall-aħjar fil-post allokat lilhom. Wara 10 minuti staqsi lil kull grupp, grupp wara l-ieħor, sabiex jaqsmu l-ideat tagħhom u mbagħad bħala grupp kbir jivvutaw għall-idea favorita għal kull post. Jekk possibbli, il-grupp għandu jikkommetti ruħu li jwettaq xi waħda minn dawn l-inizjattivi.



# 02. Is-sandli



## Icebreaker: Il-marka tas-saqajn

*Ħin: 20 minuta*

Aqsam iż-żgħażagħ f'żewġ timijiet. Jekk għandek kamra oħra disponibbli, ibgħat wieħed mit-timijiet f'kamra differenti. Jekk le, agħmel xi tip ta' diviżorju sabiex iż-żewġ timijiet ma jarawx lil xulxin. Itlob lil kull tim sabiex jagħżel 3 min-nies li jneħħu ż-żarbun u l-kalzetti u jpinġu saqajhom fuq biċċa karta. Wara dan, erġa' ġib iż-żewġ timijiet flimkien. Kull tim irid jaqta' ta' min huma l-marki tas-saqajn fuq il-karti tat-tim oppost.

Aħna lkoll inħallu marka warajna kull fejn immorru. Xi kultant tidher u xi kultant tkun moħbija. Iddiskutu fil-qosor x'tip ta' marka (kemm pożittiva u anke negattiva) iż-żgħażagħ ħallew warajhom fl-iskola, fid-dar jew kwalunkwe post ieħor li kienu fih tul l-aħħar ġimgħa.

## **Spjegazzjoni Biblika: Is-sandli**

*Ħin: 2 minuti*

Jekk l-attivitajiet f’din it-taqsima qed isiru separatament minn Iċ-Ċurkett" u L-Libsa, aqra Lq 15: 11-32.

Fi żmien Ġesù, l-iskjavi u l-qaddejja mikrija ma kinux jingħataw sandli. L-ulied biss kienu jingħataw sandli. Meta l-missier ta sandli lil ibnu, hu kien qed jgħidlu: “Int mhux ġej lura bħala qaddej mikri jew skjav. Qed nilqgħek lura fid-dar bħala ibni.” Missierna jilqagħna bħala wliedu. M’għadniex aktar ilsiera. Aħna ħielsa.

Qabel ma tkomplu bil-laqgħa, qiegħed sandli fin-nofs tal-kamra, ħdejn iċ-ċurkett, fejn kulħadd jista’ jarahom.

## **Attività: Immaġina Isir**

*Ħin: 15-il minuta*

“Kif jidher ilsir?” “X’qed jagħmel dak l-ilsir?” “Fejn joqogħdu l-ilsira? Jgħixu f’xi żmien partikulari fl-istorja?” Stieden lill-parteċipanti sabiex iwieġbu dawn il-mistoqsijiet b’mod l-aktar dettaljat. Jekk ikun hemm bżonn, irrepeti l-mistoqsijiet jew iktibhom. Itlob lill-parteċipanti li se jwieġbu sabiex jgħollu idhom jekk it-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet hija iva.

Għollu jdejkom jekk immaġinajtu li l-ilsir kien:

-Mara

-Tifla jew Tifel

-Ħaj illum

-Jagħmel ix-xogħol tad-dar, bħal ngħidu aħna jsajjar jew inaddaf

-Jgħix f’dan il-pajjiż

Probabbli ħafna immaġinaw l-ilsir kif soltu narawh fil-films. Fiehem li minkejja li n-negozju fl-ilsiera sar illegali aktar minn 200 sena ilu, illum:

-50 miljun persuna huma lsira moderni li ma jistgħux jirrifjutaw jew jinħallu minn sitwazzjonijiet degradanti minħabba faqar, theddid, vjolenza u/jew abbuż ta’ poter.

-Bejn wieħed u ieħor kwart mill-vittmi tal-ilsira moderni huma tfal.

## **Attività: Immaġina Isir**
Tkompli...

Biex tkun taf aktar, aqra hawn.

Fil-messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji tal-Paċi 2015, il-Papa Franġisku semma dawn it-tipi ta' skjavi fil-ħajja tal-lum:

-Ħaddiema, inkluż it-tfal: f'postijiet domestiċi jew agrikoli, jew fil-manifattura jew fl-industrija tal-minjieri
-Dawk imġiegħla jiżżewġu
-Ħafna migranti li huma mġiegħla jaħdmu sabiex iħallsu dejnhom u jaqtgħu l-ġuħ, imċaħħda mil-libertà, misruqa minn ħwejjiġhom, jew għaddejjin minn abbuż fiżiku jew sesswali
-Persuni mġiegħla jipprostitwixxu ruħhom, ħafna minnhom tfal
-Dawk li jbigħulhom l-organi
-Tfal jagħmluha ta' suldati
-Tfal imġiegħla jittallbu

## **Mument ta' talb: Ninħallu mill-ktajjen**

*Ħin: 15-il minuta*

Fuq karti separati ikteb eżempji ta' skjavitù llum kif imsemmi qabel. Waħħal flimkien dawn il-karti sabiex tifforma katina li tissimbolizza katina ta' skjavitù.

Għin lill-grupp jifforma ċirku u qiegħed il-katina fin-nofs. Tista' tuża wkoll ftit mużika biex toħloq ambjent ta' talb. Rappreżentant mill-grupp jaqta' l-ewwel parti tal-katina filwaqt li parteċipant ieħor jgħid l-ewwel talba minn dawn li ġejjin.

Irrepeti sakemm jinqraw il-ħames talbiet u l-katina tkun maqtugħa kompletament.

## Mument ta' talb: Ninħallu mill-ktajjen

*Tkompli...*

*Talba #1: Nitolbu għal dawk li huma vittmi tal-iskjavitù moderna llum. Jalla jkunu ħielsa mill-biża' u s-saram u jsibu l-kuraġġ biex jgħixu fit-tama. Nitolbu.*

*Talba #2 : Nitolbu għal dawk li jisfruttaw lill-oħrajn u jinstigaw il-vjolenza u l-ħsara. Agħmel li jikkonvertu u jkunu ħielsa mir-regħba u l-vjolenza. Nitolbu.*

*Talba #3 : Nitolbu għal dawk li jaħdmu kontra l-iskjavitù. Agħtihom il-kuraġġ u t-tama li għandhom bżonn sabiex jibqgħu fidili lejn il-missjoni tagħhom. Nitolbu.*

*Talba #4 : Alla ta' kompassjoni u ħniena, int dejjem tisma' l-karba tal-fqir. Int trid li aħna nkunu wlied u mhux aktar ilsira. Aħfrilna għal dawk id-drabi meta aħna konna indifferenti għat-tbatija tal-oħrajn. Nitolbu.*

*Talba #5 : Alla ġust, għinna nifhmu li l-għażliet tagħna jaffettwaw lill-fqir u l-ambjent ta' madwarna. Agħtina l-għerf li għandna bżonn sabiex nirrispettaw dejjem l-ambjent, id-dinjità tal-ħaddiema u d-dritt tagħhom għal ħlas xieraq. Nitolbu.*

Call to Action

## Nieħdu azzjoni:
## Minn fejn ġejjin iż-żraben tiegħi?
*Ħin: Laqgħa separata*

Ara "The True Cost" (2015).

Dan id-dokumentarju jirrakkonta l-istorja dinjija tal-industrija tat-tessuti u jistaqsi: "Min verament qiegħed iħallas il-prezz tal-ħwejjeġ?" F'dan il-filmat niskopru kif filwaqt li l-prezz tal-ħwejjeġ u ż-żraben ġeneralment naqas, il-prezz li qed iħallsu l-ambjent u l-ħaddiema f'din l-industrija żdied b'mod drammatiku.

"The True Cost" jisfidana nistaqsu mistoqsijiet dwar il-vizzju tax-xiri u jgħin lil dawk li jemmnu jifhmu kif ix-xiri individwali jaffettwa lill-fqir u l-ambjent.



# 03. Il-libsa



**Icebreaker: Push over**
*Duration: 10 minuti*

Agħmel żewġ linji fl-art (bil-ġibs, ħabel, jew masking tape) lejn in-nofs tal-kamra fejn issir il-laqgħa, xi żewġ metri 'l bogħod minn xulxin. Qiegħed iż-żgħażagħ bilqiegħda tnejn tnejn bejn dawn iż-żewġ linji, dahar ma' dahar. Xħin tgħajjat 'go', huma jridu jimbuttaw wieħed lill-ieħor 'il barra mil-linja ta' quddiemhom.

Meta din l-attività tkun lesta, semmi kemm is-soċjetà temfasizza li dawk li jaqsmu l-linja l-ewwel huma 'r-rebbieħa'. Fil-Bibbja, l-affarijiet huma bil-maqlub.

L-aqwa nies u l-eroj vera mhumiex dawk li jaħdmu għalihom infushom. Bil-maqlub, l-aqwa nies huma dawk li juru kompassjoni, jieħdu ħsieb dawk fil-bżonn u jaqdu lill-oħrajn billi jgħinuhom jaqsmu l-linja finali.

## **Spjegazzjoni Biblika: Il-libsa**

Ħin: *Minuta*

Jekk dawn l-attivitajiet qed isiru separatament minn Iċ-Ċurkett u S-Sandli, aqra Lq 15: 11-32.

Spjega kif fil-parabbola tal-iben il-ħali, l-iben jirċievi libsa – simbolu tal-qdusija imma wkoll ta' kompassjoni. Il-libsa hija sinjal konkret ta' mħabba, ħniena, kif ukoll protezzjoni.

Qabel ma tkompli l-laqgħa, qiegħed libsa, (kappa jew ġakketta) fin-nofs tal-kamra, ħdejn iċ-ċurkett u s-sandli, ħalli kulħadd jarahom.

## Video clip:
## Kulħadd jista' jkun eroj

Ħin: *3 minuti*

Ara silta minn "The Dark Knight Rises" (2012).

Meta Batman ikollu jneħħi l-bomba li kellha teqred il-belt kollha ta' Gotham, il-Kummissarju Gordon jifhem li dan seta' kien l-aħħar ċans li hu u l-poplu ta' din il-belt setgħu jsiru jafu lis-salvatur tagħhom. Batman imbagħad jgħid li "kulħadd jista' jkun eroj. Anke persuna li tagħmel l-iċken ħaġa bħal tqiegħed kowt madwar spallejn tfajjel ċkejken sabiex tgħinu jifhem li d-dinja ma spiċċatx." Gordon jintebaħ li Batman huwa Bruce Wayne għaliex jiftakar meta qiegħed kowt fuq spallejn Bruce malli l-ġenituri tat-tfajjel sfaw maqtula.

Għemejjel u kliem ta' tjubija li jidhru insinifikanti jistgħu jagħmlu differenza fil-ħajja ta' bniedem.

## Brainstorming:
## Li tħobb, bil-kliem u bl-għemil

*Ħin: 5 minuti*

Staqsi liż-żgħażagħ: "X'nifhmu b'kompassjoni?" "Xi tfisser li turi kompassjoni?" Staqsi sabiex jaqsmu flimkien xi eżempji.

Spjega li kompassjoni hi deskritta aħjar bħala "li tħobb, bil-kliem u bl-għemil". Kompassjoni mhix biss sentiment ta' mħabba u simpatija. Kompassjoni hija meta dawn is-sentimenti jwasslu għal kliem ta' tjubija u għemil ġeneruż. Jekk xi ħadd għaddej minn żmien diffiċli, is-simpatija tista' twasslek biex titħassru, filwaqt li l-kompassjoni twasslek biex taqsam miegħu kelma tajba u tgħinu fejn hemm bżonn.

## **Attività: Ċirku ta' kompassjoni**

*Ħin: 20 minuta*

Aqsam iż-żgħażagħ f'żewġ gruppi. Għidilhom jaħsbu f'persuna li wriet kompassjoni magħhom. Tista' tkun sempliċi kelma jew xi għemil ta' ħabib, membru tal-familja, xi għalliema, eċċ.

Jekk iħossuhom komdi, jistgħu jaqsmu din l-esperjenza flimkien u jiktbuha fuq sticky note bħala nota ta' ringrazzjament.

Sadanittant, f'nofs il-kamra jiġi ffurmat ċirku li jirrappreżenta ċ-ċirku ta' kompassjoni. Dan iċ-ċirku jirrappreżenta t-tgħanniqa tal-imħabba ta' Alla. F'għajnejn Alla, ħadd m'għandu jkun 'il barra minn dan iċ-ċirku. Kulħadd jifforma parti minnu u kulħadd għandu jkun mistieden fih. Hawnhekk tista' tagħmel referenza għall-aħħar parti tal-parabbola tal-iben il-ħali.

Il-parteċipanti kollha huma mistiedna jqiegħdu l-isticky notes tagħhom b'noti ta' ringrazzjament f'dan iċ-ċirku ta' kompassjoni, bi gratitudni għall-imħabba u t-tjubija li rċevew.

Call to Action

## Nieħdu azzjoni: Wegħda ta' tjubija

*Ħin: 10 minuti*

Ħajjar lill-grupp sabiex jaħsbu f'xi persuni li jafu (fil-knisja, fl-iskola, fl-akwati fejn joqogħdu, fil-klabbs, eċċ) li bħalissa qed iħossuhom esklużi miċ-ċirku ta' kompassjoni.

Kif nistgħu nuru kompassjoni u tjubija magħhom? X'nistgħu nagħmlu biex nuru b'mod konkret l-imħabba t'Alla u li Huwa qrib ta' min tassew għandu bżonn din l-imħabba proprju f'dan il-ħin?

Titqassam card lill-parteċipanti bil-kwotazzjoni "Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin" (Ef 4:32). Fuq din il-card il-parteċipanti jistgħu jiktbu eżempju prattiku li huma jwiegħdu li jwettqu mal-persuna li semmew aktar qabel bħala sinjal konkret tal-imħabba u l-kompassjoni t'Alla. Stedinhom biex jieħdu din il-card magħhom id-dar u jqegħduha f'post prominenti fil-kamra tagħhom, fejn tfakkarhom fil-wegħda li huma għamlu.

*Din ir-riżorsa ġiet addattaat minn:*
*https://40acts.org.uk/wp-content/uploads/2021/02/40acts-Together-Youth-Full-Resource.pdf*

*"We plant the seeds that one day will grow. We water the seeds already planted, knowing that they hold future promise. We lay foundations that will need further development. We provide yeast that produces effects far beyond our capabilities. We cannot do everything and there is a sense of liberation in realizing that. This enables us to do something and to do it well. It may be incomplete, but it is a beginning, a step along the way, an opportunity for the Lord's grace to enter and do the rest. We may never see the end results, but that is the difference between the master builder and the worker.*

*We are workers, not master builders; ministers, not messiahs.*

*We are prophets of a future not our own."*
(Isqof Ken Untener)

**FACEBOOK:**
@justicepeacemt

**INSTAGRAM:**
@justice_peacemt

**WEBSITE:**
jp.church.mt